



European Securities and  
Markets Authority

# Linji Gwida

**Linji Gwida għall-valutazzjoni tal-għarfien u tal-kompetenza**







## Werrej

I.	Kamp ta' applikazzjoni .....	3
II.	Referenzi, taqsiriet u definizzjonijiet .....	3
III.	Għan .....	5
IV.	Obbligi ta' konformità u ta' rapportar .....	6
V.	Linji Gwida .....	6
V.I	Ġenerali .....	6
V.II	Il-kriterji għall-għarfien u l-kompetenza li għandu jkollhom il-membri tal-persunal li jagħtu informazzjoni dwar prodotti ta' investiment, servizzi ta' investiment jew servizzi anċillari .....	7
V.III	Il-kriterji għall-għarfien u l-kompetenza għall-membri tal-persunal li jipprovdu konsulenza dwar l-investiment .....	8
V.IV	Ir-rekwiżiti organizzazzjonali għall-valutazzjoni, għaż-żamma u għall-aġġornar tal-għarfien u tal-kompetenza .....	9
V.V	Il-pubblikazzjoni tal-informazzjoni mill-Awtoritajiet Kompetenti .....	10
VI.	Anness I .....	11



## I. Kamp ta' applikazzjoni

### Min?

1. Dawn il-linji gwida japplikaw għal:
  - a. L-Awtoritajiet Kompetenti u
  - b. d-Ditti.

### Xiex?

2. Dawn il-linji gwida japplikaw fir-rigward tal-għoti tas-servizzi u tal-attivitajiet ta' investiment elenkati fit-Taqsima A u tas-servizzi anċillari elenkati fit-Taqsima B tal-Anness I tad-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji (MiFID II).

### Meta?

3. Dawn il-linji gwida japplikaw mit-3 ta' Jannar 2018.

## II. Referenzi, taqsiriet u definizzjonijiet

### Referenzi leġislattivi

<i>AIFMD</i>	Id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010.
<i>Regolament ESMA</i>	Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE.
<i>MiFID</i>	Id-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE.
<i>MiFID II</i>	Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-



Direttiva 2011/61/UE (tfassil mill-ġdid).

## Taqsiriet

<i>AIFMD</i>	Id-Direttiva dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi
<i>AK</i>	Awtorità Kompetenti
<i>CP</i>	Dokument ta' Konsultazzjoni
<i>KE</i>	Il-Kummissjoni Ewropea
<i>UE</i>	L-Unjoni Ewropea
<i>AETS</i>	Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq
<i>MiFID</i>	Id-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji

## Definizzjonijiet

4. Sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor, it-termini użati f'MiFID II għandhom l-istess tifsira f'dawn il-linji gwida. Barra minn hekk, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
  - a. L-awtorità kompetenti (jew AK) tfisser awtorità maħtura skont l-Artikolu 67 ta' MiFID II.
  - b. 'Ditti' tfisser ditti ta' investiment, kif definiti fl-Artikolu 4(1)(1) ta' MiFID II, istituzzjonijiet ta' kreditu (kif definiti fl-Artikolu 4(1)(27) ta' MiFID II) meta jipprovdu servizzi ta' investiment, kif ukoll ditti ta' investiment u istituzzjonijiet ta' kreditu meta jbigħu jew jipprovdu konsulenza lill-klijenti fir-rigward ta' depożiti strutturati, kumpaniji maniġerjali tal-UCITS u Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi (AIFMs) esterni, sakemm dawn ikunu qegħdin jipprovdu s-servizzi ta' investiment ta' mmaniġġjar ta' portafolli individwali jew servizzi mhux essenzjali u b'konnessjoni biss mal-forniment ta' dawn is-servizzi (rispettivament skont it-tifsira tal-Artikolu 6(3)(a) u(b) tad-Direttiva tal-UCITS u tal-Artikolu 6(4)(a) u (b) tal-AIFMD).
  - c. 'Persunal' tfisser persuni fiżiċi (inklużi aġenti marbuta) li jipprovdu servizzi rilevanti lill-klijenti f'isem id-ditta.
  - d. 'Servizzi rilevanti' tfisser l-għoti ta' konsulenza dwar l-investiment jew ta' informazzjoni dwar l-istrumenti finanzjarji, id-depożiti strutturati, is-servizzi ta' investiment jew is-servizzi anċillari lill-klijenti.
  - e. 'Għoti ta' informazzjoni' tfisser li direttament tiġi pprovduta informazzjoni lill-klijenti dwar l-istrumenti finanzjarji, id-depożiti strutturati, is-servizzi ta' investiment jew is-servizzi anċillari, fuq talba tal-klijent jew inkella fuq l-inizjattiva tad-ditta, fil-kuntest tal-forniment mill-membri tal-persunal lill-klijent ta' kwalunkwe wieħed mis-servizzi

u kwalunkwe waħda mill-attivitajiet elenkati fit-taqsimiet A u B tal-Anness I ta' MiFID II.

- f. 'Għarfien u kompetenza' tfisser li persuna tkun kisbet kwalifika xierqa u esperjenza xierqa sabiex tissodisfa l-obbligi speċifikati fl-Artikoli 24 u 25 ta' MiFID II bil-għan li tkun tista' tipprovdi s-servizzi rilevanti.
- g. 'Kwalifika xierqa' tfisser kwalifika jew kors ta' taħriġ jew test ieħor li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti mil-linji gwida.
- h. 'Esperjenza xierqa' tfisser li membru tal-persunal wera b'suċċess il-ħila li jwettaq is-servizzi rilevanti permezz ta' xogħol preċedenti. Dan ix-xogħol għandu jkun twettaq, fuq bażi ekwivalenti għal full-time, għal perjodu minimu ta' 6 xhur. Wara dan il-perjodu minimu, l-AK tista' tidistingwi l-perjodu tal-esperjenza meħtieġa, skont il-kwalifika xierqa miksuba mill-persunal kif ukoll skont is-servizzi rilevanti li jkunu qegħdin jiġu pprovduti.
- i. 'Prodotti ta' investiment' tfisser l-istrumenti finanzjarji u d-depożiti strutturati kif definiti f'MiFID II.
- j. 'Taħt superviżjoni' tfisser li s-servizzi rilevanti jiġu pprovduti lill-klijenti taħt ir-responsabbiltà ta' membru tal-persunal li għandu kemm kwalifika xierqa kif ukoll esperjenza xierqa. Il-membri tal-persunal jista' jaħdem taħt superviżjoni għal perjodu massimu ta' 4 snin, ħlief meta jiġi ddeterminat perjodu iqsar mill-AK.

### III. Għan

5. L-għan ta' dawn il-linji gwida huwa li jispeċifikaw il-kriterji għall-valutazzjoni tal-għarfien u tal-kompetenza meħtieġa skont l-Artikolu 25(1) ta' MiFID II, b'konformità mal-Artikolu 25(9) tal-istess Direttiva.
6. L-ESMA tistenna li dawn il-linji gwida jipromwovu konverġenza akbar fl-għarfien u fil-kompetenza tal-membri tal-persunal li jipprovdu konsulenza dwar l-investiment jew informazzjoni dwar l-istrumenti finanzjarji, id-depożiti strutturati, is-servizzi ta' investiment jew is-servizzi anċillari lill-klijenti, kif ukoll tal-awtoritajiet kompetenti sabiex jivvalutaw l-adeqgħatezza tal-konformità ma' dawn ir-rekwiżiti. Dawn il-linji gwida jistabbilixxu standards importanti maħsuba biex jgħinu lid-ditti jissodisfaw l-obbligi tagħhom sabiex jaġixxu fl-aħjar interess tal-klijenti tagħhom u biex jgħinu lill-AK jivvalutaw b'mod adegwat kif id-ditti jissodisfaw dawn l-obbligi.
7. Dawn il-linji gwida jistabbilixxu standards minimi għall-valutazzjoni tal-għarfien u tal-kompetenza għall-membri tal-persunal li jipprovdu servizzi rilevanti. Konsegwentement, l-AK jistgħu jitolbu li l-membri tal-persunal li jagħtu pariri u/jew il-membri tal-persunal li jagħtu l-informazzjoni jkollhom livelli oġġla ta' għarfien u kompetenza.
8. Għall-finijiet tal-konformità ma' dawn il-linji gwida, l-ESMA qiegħda tantiċipa t-tisħiħ korrispondenti tal-protezzjoni tal-investituri. L-Anness I jinkludi għadd ta'

eżempji illustrattivi ta' kif ditta tal-investment tista' tapplika l-linji gwida. Dawn l-eżempji ma jiformawx parti mil-linji gwida, iżda minflok għandhom l-għan li jgħinu lid-ditti jidentifikaw eżempji prattiċi ta' kif jistgħu jġu ssodisfati r-rekwiżiti speċifikati fil-linji gwida.

## IV. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

### L-istatus tal-linji gwida

9. Dan id-dokument fih linji gwida mafruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament ESMA u meħtieġa skont l-Artikolu 25(9) ta' MiFID II. B'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament ESMA, l-awtoritajiet kompetenti u l-parteċipanti fis-swieq finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida.
10. L-awtoritajiet kompetenti li għalihom japplikaw dawn il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki superviżorji tagħhom, inkluż fejn linji gwida partikolari jkunu maħsuba primarjament għall-parteċipanti fis-swieq finanzjarji.

### Rekwiżiti ta' rapportar

11. L-awtoritajiet kompetenti li għalihom japplikaw dawn il-linji gwida għandhom jinnotifikaw lill-ESMA jekk jikkonformawx jew jekk humiex biħsiebhom li jikkonformaw mal-linji gwida, billi jagħtu r-raġunijiet tagħhom għan-nuqqas ta' konformità, fi żmien xahrejn mid-data tal-pubblikazzjoni mill-ESMA fuq [KCguidelines1886@esma.europa.eu](mailto:KCguidelines1886@esma.europa.eu). Jekk ma tingħatax tveġiba sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti jitqiesu bħala li mhumiex konformi. Formola mudell għan-notifiki hija disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-ESMA.
12. Id-ditti li għalihom japplikaw dawn il-linji gwida mhumiex meħtieġa jirrapportaw lill-ESMA jekk huma jikkonformawx ma' dawn il-linji gwida.

## V. Linji Gwida

### V.1 Ġenerali

13. Il-livell u l-intensità tal-għarfien u tal-kompetenza mistennija għal dawk li jipprovdu konsulenza dwar l-investment għandhom ikunu ta' standard oġġla minn dawk li jagħtu biss informazzjoni dwar prodotti u servizzi ta' investment.
14. Id-ditti għandhom jiżguraw li l-membri tal-persunal li jipprovdu servizzi rilevanti jkollhom l-għarfien u l-kompetenza meħtieġa sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti legali u regolatorji rilevanti u l-istandards tal-etika tan-negozju.
15. Id-ditti għandhom jiżguraw li l-membri tal-persunal ikunu jafu, jifhmu u japplikaw il-politiki u l-proċeduri interni tad-ditta maħsuba biex jiggarrantixxu l-konformità ma' MiFID II. Sabiex jiżguraw li ssir applikazzjoni proporzjonata tar-rekwiżiti tal-

għarfien u tal-kompetenza, id-ditti għandhom jiżguraw li l-membri tal-persunal ikollhom il-livelli meħtieġa ta' għarfien u kompetenza sabiex jissodisfaw l-obbligi tagħhom, li jkunu jirriflettu l-kamp ta' applikazzjoni u l-grad tas-servizzi rilevanti pprovduti.

16. Il-funzjoni tal-konformità għandha tivvaluta u tirrevedi l-konformità ma' dawn il-linji gwida. Din ir-reviżjoni għandha tiġi inkluża fir-rapport ipprovdut lill-korp maniġerjali dwar l-implimentazzjoni u l-effettività tal-ambjent tal-kontroll globali għas-servizzi u l-attivitajiet marbuta mal-investment.

## **V.II Il-kriterji għall-għarfien u l-kompetenza li għandu jkollhom il-membri tal-persunal li jagħtu informazzjoni dwar prodotti ta' investment, servizzi ta' investment jew servizzi anċillari**

17. Id-ditti għandhom jiżguraw li l-membri tal-persunal li jagħtu informazzjoni dwar prodotti ta' investment, servizzi ta' investment jew servizzi anċillari li huma disponibbli permezz tad-ditta jkollhom l-għarfien u l-kompetenza meħtieġa sabiex:
  - a. jifhmu l-karatteristiċi u r-riskji ewlenin ta' dawk il-prodotti ta' investment disponibbli permezz tad-ditta, inklużi kwalunkwe implikazzjonijiet fiskali ġenerali u spejjeż li jridu jiġġarrbu mill-klijent fil-kuntest tat-tranżazzjonijiet. Għandha tingħata attenzjoni partikolari meta tiġi pprovduta informazzjoni fir-rigward tal-prodotti kkaratterizzati minn livelli ogħla ta' kumplessità;
  - b. jifhmu l-ammont totali ta' spejjeż u tariffi li jridu jiġġarrbu mill-klijent fil-kuntest tat-tranżazzjonijiet fi prodott ta' investment, jew servizzi ta' investment jew servizzi anċillari;
  - c. jifhmu l-karatteristiċi u l-kamp ta' applikazzjoni tas-servizzi ta' investment jew tas-servizzi anċillari;
  - d. jifhmu kif jiffunzjonaw is-swieq finanzjarji u kif dawn jaffettwaw il-valur u l-ipprezzar tal-prodotti ta' investment li dwarhom jipprovdu informazzjoni lill-klijenti;
  - e. jifhmu l-impatt tal-figuri ekonomiċi u tal-avvenimenti nazzjonali/reġjonali/globali fuq is-swieq u fuq il-valur tal-prodotti ta' investment li dwarhom jipprovdu informazzjoni;
  - f. jifhmu d-differenza bejn ix-xenarji tal-prestazzjoni tal-imgħoddi u x-xenarji tal-prestazzjoni tal-ġejjieni, kif ukoll il-limiti tat-tbassir;
  - g. jifhmu l-kwistjonijiet relatati mal-abbuż fis-suq u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus;
  - h. jivvalutaw id-dejta rilevanti għall-prodotti ta' investment li dwarhom jipprovdu informazzjoni lill-klijenti, bħal Dokumenti ta' Tagħrif Ewlieni għall-Investituri, prospetti, dikjarazzjonijiet finanzjarji, jew dejta finanzjarja;



- i. jifhmu l-istrutturi speċifiċi tas-suq għall-prodotti ta' investiment li dwarhom jipprovdu informazzjoni lill-klijenti u, fejn rilevanti, iċ-ċentri tan-negozjar tagħhom jew l-eżistenza ta' kwalunkwe swieq sekondarji;
- j. ikollhom għarfien bażiku dwar il-prinċipji tal-evalwazzjoni għat-tip ta' prodotti ta' investiment li fir-rigward tagħhom tiġi pprovduta l-informazzjoni.

### **V.III Il-kriterji għall-għarfien u l-kompetenza għall-membri tal-persunal li jipprovdu konsulenza dwar l-investiment**

18. Id-ditti għandhom jiżguraw li l-membri tal-persunal li jipprovdu konsulenza dwar l-investiment ikollhom l-għarfien u l-kompetenza meħtieġa sabiex:
- a. jifhmu l-karatteristiċi u r-riskji ewlenin ta' dawk il-prodotti ta' investiment li qegħdin jiġu offruti jew rakkomandati, inklużi kwalunkwe implikazzjonijiet fiskali ġenerali li jridu jiġġarrbu mill-klijent fil-kuntest tat-tranżazzjonijiet. Għandha tingħata attenzjoni partikolari meta tiġi pprovduta konsulenza fir-rigward tal-prodotti kkaratterizzati minn livelli ogħla ta' kumplessità;
  - b. jifhmu l-ispejjeż u t-tariffi li jridu jiġġarrbu mill-klijent fil-kuntest tat-tip ta' prodott ta' investiment li qiegħed jiġi offrut jew rakkomandat u l-ispejjeż relatati mal-għoti tal-konsulenza u kwalunkwe servizzi relatati oħrajn li qegħdin jiġu pprovduti;
  - c. jissodisfaw l-obbligi meħtieġa mid-ditti fir-rigward tar-rekwiżiti tal-idoneità, inklużi l-obbligi stabbiliti fil-Linji Gwida dwar ċerti aspetti tar-rekwiżiti tal-idoneità ta' MiFID<sup>1</sup>;
  - d. jifhmu kif it-tip ta' prodott ta' investiment ipprovdut mid-ditta jista' ma jkunx addattat għall-klijent, wara li jkunu vvalutaw l-informazzjoni rilevanti pprovduta mill-klijent fl-isfond tal-bidliet potenzjali li setgħu seħħew minn mindu nġabret l-informazzjoni rilevanti;
  - e. jifhmu kif jiffunzjonaw is-swieq finanzjarji u kif dawn jaffettwaw il-valur u l-ipprezzar tal-prodotti ta' investiment offruti jew rakkomandati lill-klijenti;
  - f. jifhmu l-impatt tal-figuri ekonomiċi u tal-avvenimenti nazzjonali/reġjonali/globali fuq is-swieq u fuq il-valur tal-prodotti ta' investiment li qegħdin jiġu offruti jew rakkomandati lill-klijenti;
  - g. jifhmu d-differenza bejn ix-xenarji tal-prestazzjoni tal-imgħoddi u x-xenarji tal-prestazzjoni tal-ġejjieni, kif ukoll il-limiti tat-tbassir;
  - h. jifhmu l-kwistjonijiet relatati mal-abbuż fis-suq u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus;

---

<sup>1</sup> <http://www.esma.europa.eu/system/files/2012-387.pdf>

- i. jivvalutaw id-dejta rilevanti għat-tip ta' prodotti ta' investment offruti jew rakkomandati lill-klijenti, bħal Dokumenti ta' Tagħrif Ewlieni għall-Investituri, prospetti, dikjarazzjonijiet finanzjarji, jew dejta finanzjarja;
- j. jifhmu l-istrutturi speċifiċi tas-suq għat-tip ta' prodotti ta' investment offruti jew rakkomandati lill-klijenti u, fejn rilevanti, iċ-ċentri tan-negozjar tagħhom jew l-eżistenza ta' kwalunkwe swieq sekondarji;
- k. ikollhom għarfien bażiku dwar il-prinċipji tal-evalwazzjoni għat-tip ta' prodotti ta' investment offruti jew rakkomandati lill-klijenti;
- l. jifhmu l-prinċipji fundamentali tal-ġestjoni ta' portafoll, inkluż li jkunu jistgħu jifhmu l-implikazzjonijiet tad-diversifikazzjoni rigward alternattivi ta' investment individwali.

#### **V.IV Ir-rekwiżiti organizzazzjonali għall-valutazzjoni, għaż-żamma u għall-aġġornar tal-għarfien u tal-kompetenza**

- 19. Id-ditti għandhom jistabbilixxu r-responsabbiltajiet tal-membri tal-persunal u jiżguraw li, fejn rilevanti, b'konformità mas-servizzi pprovduti mid-ditta u l-organizzazzjoni interna tagħha, ikun hemm distinzjoni ċara fid-deskrizzjoni tar-responsabbiltajiet bejn ir-rwoli tal-għoti ta' konsulenza u l-għoti ta' informazzjoni.
- 20. Id-ditti għandhom:
  - a. jiżguraw li l-membri tal-persunal li jipprovdu servizzi rilevanti lill-klijenti jiġu vvalutati permezz tat-tlestija b'suċċess ta' kwalifika xierqa u jkunu kisbu esperjenza xierqa fil-forniment ta' servizzi rilevanti lill-klijenti;
  - b. iwettqu reviżjoni interna jew esterna, mill-inqas fuq bażi annwali, tal-ħtiġijiet tal-esperjenza u l-iżvilupp tal-membri tal-persunal, jivvalutaw l-iżviluppi regolatorji u jieħdu l-azzjoni meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' dawn ir-rekwiżiti. Din ir-reviżjoni għandha tiżgura wkoll li l-membri tal-persunal ikunu jippossjedu kwalifika xierqa u jżommu u jaġġornaw l-għarfien u l-kompetenza tagħhom billi jwettqu żvilupp jew taħriġ professjonali kontinwu għall-kwalifika xierqa, kif ukoll it-taħriġ speċifiku meħtieġ qabel jiġu offruti kwalunkwe prodotti ta' investment ġodda mid-ditta;
  - c. jiżguraw li huma jissottomettu lill-AK tagħhom, fuq talba, reġistri dwar l-għarfien u l-kompetenza tal-membri tal-persunal li jipprovdu servizzi rilevanti lill-klijenti. Dawn ir-reġistri għandhom jinkludu informazzjoni li tagħti ċ-ċans lill-AK tivvaluta u tivverifika l-konformità ma' dawn il-linji gwida;
  - d. jiżguraw li meta membru tal-persunal ma jkunx kiseb l-għarfien u l-kompetenza meħtieġa fil-forniment tas-servizzi rilevanti, dan il-membri tal-persunal ma jkunx jista' jipprovdi s-servizzi rilevanti. Madankollu, meta dan il-membri tal-persunal ma jkunx kiseb il-kwalifika xierqa jew l-esperjenza xierqa sabiex ikun jista' jipprovdi s-servizzi rilevanti, jew it-tnejn li huma, dan il-membri tal-persunal ikun

jista' jipprovdi biss is-servizzi rilevanti taħt superviżjoni. Il-livell u l-intensità tas-superviżjoni għandhom jirriflettu l-kwalifika u l-esperjenza rilevanti tal-membru tal-persunal li jkun qed jiġi ssorveljat u dawn jistgħu jinkludu, fejn xieraq, superviżjoni matul il-laqgħat mal-klijenti u forom oħrajn ta' komunikazzjoni, bħal telefonati u emails;

- e. jiżguraw li, fis-sitwazzjonijiet taħt l-ittra d., il-membru tal-persunal li jkun qed jissorvelja lil membru ieħor tal-persunal ikollu l-għarfien u l-kompetenza neċessarji mitluba minn dawn il-linji gwida u l-ħiliet u r-riżorsi neċessarji sabiex ikun jista' jaġixxi bħala superviżur kompetenti;
- f. jiżguraw li s-superviżjoni pprovduta titfassal għas-servizzi li jridu jiġu pprovduti minn dak il-membru tal-persunal u jkopru r-rekwiżiti ta' dawn il-linji gwida rilevanti għal dawk is-servizzi;
- g. jiżguraw li s-superviżur jerfa' r-responsabbiltà għall-forniment tas-servizzi rilevanti meta l-membru tal-persunal taħt superviżjoni jkun qed jipprovdi servizzi rilevanti lil klijent, daqslikieku s-superviżur qed jipprovdi s-servizzi rilevanti lill-klijent, inkluża l-approvazzjoni tar-rapport tal-idoneità meta tkun qiegħda tiġi pprovduta konsulenza;
- h. jiżguraw li l-membru tal-persunal, li ma jkunx kiseb l-għarfien jew il-kompetenza meħtieġa fil-forniment tas-servizzi rilevanti, ma jkunx jista' jipprovdi dawk is-servizzi rilevanti taħt superviżjoni għal perjodu ta' aktar minn 4 snin (jew iqsar jekk meħtieġ mill-AK).

## **V.V Il-pubblikazzjoni tal-informazzjoni mill-Awtoritajiet Kompetenti**

- 21. Meta lista tal-kwalifiki xierqa speċifiċi li jissodisfaw il-kriterji tal-linji gwida ma tiġix ippubblikata mill-AK jew minn korpi nazzjonali oħrajn identifikati fl-Istat Membru, l-AK għandha tippubblika l-kriterji ta' dawn il-linji gwida, kif ukoll il-karatteristiċi li jeħtieġ li tissodisfa kwalifika xierqa sabiex tkun konformi ma' dawk il-kriterji.
- 22. L-AK għandhom jippubblikaw ukoll: (i) informazzjoni dwar il-perjodu ta' żmien meħtieġ sabiex tinkiseb esperjenza xierqa; (ii) il-perjodu ta' żmien massimu li matulu membru tal-persunal li ma jkollux kwalifika xierqa jew esperjenza xierqa jkun jista' jaħdem taħt superviżjoni; u (iii) jekk ir-reviżjoni tal-kwalifika xierqa tal-membru tal-persunal għandhiex titwettaq mid-ditta jew minn korp estern.
- 23. L-informazzjoni fil-paragrafi 21 u 22 għandha tiġi ppubblikata fuq is-sit elettroniku tal-AK.

## VI. Anness I

### Eżempji illustrattivi tal-applikazzjoni ta' ċerti aspetti tal-linji gwida

#### *Eżempji relatati mal-kamp ta' applikazzjoni tal-linji gwida*

L-eżempji li ġejjin isemmu każijiet fejn membru tal-persunal ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-linji gwida:

- impjegati li jindikaw biss fejn il-klijenti jistgħu jsibu l-informazzjoni;
- impjegati li jqassmu pamflets u fuljetti lill-klijenti mingħajr ma jagħtu informazzjoni addizzjonali fir-rigward tal-kontenut tagħhom jew jipprovdu xi servizzi ta' investiment ta' segwitu lil dawk il-klijenti;
- impjegati li jittrasferixxu biss informazzjoni bħal KIID fuq talba tal-klijent mingħajr ma jagħtu informazzjoni addizzjonali fir-rigward tal-kontenut tagħha jew jipprovdu xi servizzi ta' investiment ta' segwitu lil dawk il-klijenti; u
- impjegati li jeseqwx funzjonijiet tal-back-office u li ma jkollhomx kuntatt dirett mal-klijenti.

#### *Eżempji relatati mal-kamp ta' applikazzjoni tal-linji gwida*

Id-ditta għandha tikkunsidra li, fir-rigward tad-distinzjoni bejn il-membri tal-persunal li jipprovdu informazzjoni u l-membri tal-persunal li jipprovdu konsulenza dwar l-investment, dik il-Q&A maħruġa mis-CESR<sup>2</sup> tittieħed f'kunsiderazzjoni.

#### *Eżempju ġenerali relatat mal-parti V.I:*

Ditta tipprovdi taħriġ obligatorju regolari lill-membri tal-persunal fil-qasam tat-tmexxija tan-negozju skont MiFID u rekwiżiti organizzazzjonali.

#### *Eżempju ġenerali relatat mal-parti V.I:*

Id-ditta tadotta kodiċi ta' etika sabiex tistabbilixxi l-istandards tal-imġiba u tat-tmexxija tan-negozju meħtieġa għall-forniment xieraq tas-servizzi rilevanti u l-kisba ta' rikonoxximenti bil-miktub mingħand il-membri tal-persunal, li juru li huma qraw, fehmu u kkonformaw magħha.

#### *Eżempji relatati mal-partijiet V.I, V.II u V.III:*

Ditta tipprovdi taħriġ obligatorju regolari lill-membri tal-persunal fil-karatteristiċi, inklużi r-riskji potenzjali, tal-prodotti offruti mid-ditta. Dan jinkludi taħriġ dwar il-prodotti li għadhom kif bdew jiġu offruti mid-ditta.

---

<sup>2</sup> [http://www.esma.europa.eu/system/files/10\\_293.pdf](http://www.esma.europa.eu/system/files/10_293.pdf)



Ditta tiżgura li l-membri tal-persunal ikunu familjari mas-sitwazzjonijiet li fihom jinħolqu kunflitti ta' interess u li jkunu jafu kif għandhom japplikaw ir-regoli rigward il-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess.

Ditta tiżgura li l-membri tal-persunal ikunu familjari mas-sitwazzjonijiet meta ditta tista' tagħti jew tirċievi inċentiv u r-rekwiżiti legali rilevanti li jirregolaw l-inċentivi.

#### *Eżempji relatati mal-partijiet V.III u V.IV*

Ditta timmonitorja regolarment il-valutazzjonijiet tal-idoneità pprovduti mill-membri tal-persunal sabiex tivvaluta jekk il-membri tal-persunal ikkunsidrax l-aspetti kollha tar-rekwiżiti tal-idoneità fl-isfond tad-dettalji speċifiċi tal-prodott ta' investiment.

Ditta timmonitorja regolarment li l-membri tal-persunal li jipprovdu konsulenza juru:

- il-ħila li jistaqsu mistoqsijiet xierqa lill-klijent sabiex jifhmu l-għanijiet tal-investiment, is-sitwazzjoni finanzjarja u l-għarfien u l-esperjenza tiegħu;
- il-ħila li jispjegaw ir-riskji u l-benefiċċji ta' prodott jew strateġija partikolari lill-klijent;
- il-ħila li jqabblu l-prodotti magħżula f'dak li għandu x'jaqsam mat-termini u r-riskji, sabiex ikunu jistgħu jagħżlu l-aktar prodott addattat għall-profil tal-klijent.

#### *Eżempji relatati mal-parti V.IV*

Id-ditta tiddokumenta l-irwoli u r-responsabbiltajiet tal-membri tal-persunal u tevalwa l-prestazzjoni tagħhom fl-isfond tal-kriterji stabbiliti ewlenin inklużi fid-deskrizzjoni tar-responsabbiltajiet.

Id-ditti jikkomunikaw pubblikament, b'mod konsistenti u li jagħmel sens għall-klijenti, il-kriterji tagħhom sabiex juru kif il-membri tal-persunal jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida.

Jeħtieġ li jiġi pprovdut żvilupp professjonali kontinwu jew li jibqa' għaddej sabiex il-membri tal-persunal ikunu jistgħu jħaddnu l-“kwalifika xierqa”. Din il-valutazzjoni li tibqa' għaddejja ser tinkludi materjal aġġornat u tittestja lill-membri tal-persunal fuq l-għarfien tagħhom dwar, pereżempju, il-bidliet regolatorji, il-prodotti u s-servizzi ġodda disponibbli fis-suq. Din il-valutazzjoni li tibqa' għaddejja:

- tista' tinvolvi taħriġ fil-forma ta' korsijiet, seminars, studji jew taħlim indipendenti; u
- tinkludi mistoqsijiet ta' verifika li juru li l-membri tal-persunal għandu l-għarfien u l-kompetenza meħtieġa.

Id-ditti jivverifikaw ir-rilevanza tal-iżvilupp kontinwu u li jibqa' għaddej li jiġi pprovdut lill-membri tal-persunal li jipprovdu servizzi rilevanti.